IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.3.2019
COM(2019) 138 final

2019/0079 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

## li tawtorizza lill-Italja tapplika, f'żoni ġeografiċi determinati, rati mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq il-gażojl u l-gass likwifikat miż-żejt użati għal skopijiet ta' tisħin f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

It-tassazzjoni fuq il-prodotti tal-enerġija u l-elettriku fl-UE hija rregolata bid-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE ([1]) (minn hawn 'il quddiem imsejħa d-"Direttiva dwar it-Tassazzjoni tal-Enerġija" jew id-"Direttiva").

Skont l-Artikolu 19(1) tad-Direttiva, flimkien mad-dispożizzjonijiet previsti b'mod partikolari fl-Artikoli 5, 15 u 17, il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru biex jintroduċi iktar eżenzjonijiet jew tnaqqis tad-dazji tas-sisa għal kunsiderazzjonijiet politiċi speċifiċi.

L-objettiv ta' din il-proposta huwa li tippermetti lill-Italja tapplika, f'ċerti żoni partikolarment żvantaġġati, rati mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq il-gażojl u l-gass likwifikat miż-żejt (LPG) użati għal skopijiet ta' tisħin biex parzjalment ipaċu l-kostijiet tat-tisħin għoljin tar-residenti f'dawk iż-żoni ġeografiċi. Il-kostijiet tat-tisħin huma għoljin minħabba l-kundizzjonijiet severi ħafna tal-klima jew minħabba l-kundizzjonijiet severi tal-klima jew l-insularità ta' dawn iż-żoni flimkien mad-diffikultajiet fl-akkwist tal-fjuwil.

It-tnaqqis tat-taxxa huwa applikabbli f'żoni ġeografiċi li jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

Skont l-Artikolu 8(10) tal-Liġi Taljana Nru 448/1998, il-vantaġġ japplika għal provvisti tal-fjuwils inkwistjoni (il-gażojl u l-LPG) użati f'muniċipalitajiet:

- klassifikati fiż-żona klimatika F (l-aktar kundizzjonijiet klimatiċi severi fit-territorju Taljan), kif imsemmi fid-Digriet Presidenzjali Nru 412 tas-26 ta' Awwissu 1993;
- li ma għandhomx netwerk tal-provvista tal-gass u li huma klassifikati fiż-żona klimatika E, kif imsemmi fid-Digriet Presidenzjali Nru 412/1993 imsemmi hawn fuq. F'dan il-każ, kif previst fil-punt 4) tal-Artikolu 8(10)(c) tal-Liġi Nru 448/1998, il-vantaġġ jiġi rtirat malli l-muniċipalità tiġi konnessa man-netwerk tal-provvista tal-gass.
- fir-reġjun ta' Sardenja u l-gżejjer iż-żgħar, sakemm ma jkunx sar disponibbli n-netwerk tal-gass naturali fil-muniċipalitajiet ikkonċernati. Din il-parti tar-reġimi tkopri l-gżejjer Taljani kollha ħlief lil Sqallija.

### • Kuntest ġenerali

B'ittra tal-31 ta' Ottubru 2018, l-awtoritajiet Taljani talbu l-awtorizzazzjoni biex japplikaw, f'ċerti żoni ġeografiċi partikolarment żvantaġġati, rati mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq il-gażojl u l-LPG użati għal skopijiet ta' tisħin permezz tat-tiġdid tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/695/UE tal-24 ta' Settembru 2014 li tawtorizza lill-Italja tapplika, fiż-żona ġeografika definita fl-Artikolu 8(10) tal-Liġi Taljana Nru 448/1998, rati mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq il-gażojl u l-LPG użati għal skopijiet ta' tisħin f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE ([2]). Din id-Deċiżjoni tawtorizza lill-Italja biex sal-31 ta' Diċembru 2018, tapplika f'dawk iż-żoni żvantaġġati rati mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq il-fjuwil u l-LPG domestiċi użati għat-tisħin. Biex tiġġustifika t-talba tagħha għal deroga, l-

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU L 283, 31.10.2003 p. 51); id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttivi 2004/74/KE u 2004/75/KE (ĠU L 157, 30.4.2004, p. 87 u p.100).

([2]) ĠU L 109, 19.4.2008, p. 27-29.

Italja tiġbed l-attenzjoni għad-diversità tat-territorju tagħha li għandu klima u kundizzjonijiet ġeografiċi varjabbli. Il-livelli nazzjonali ta' dazju tas-sisa fuq il-gażojl u l-LPG użati għat-tisħin fl-Italja huma relattivament għoljin. Sabiex tevita piż żejjed fuq ċerti konsumaturi partikolarment dipendenti fuq it-tisħin, l-Italja introduċiet rati mnaqqsa ta' tassazzjoni f'ċerti partijiet tat-territorju tagħha u tixtieq tkompli tapplika l-istess tnaqqis fiż-żona koperta mill-Artikolu 8(10) tal-Liġi Taljana Nru 448/1998. In-numru ta' muniċipalitajiet li ma għandhomx netwerk tal-metan, li jibbenefikaw mill-iskema tat-taxxa kkonċernata peress li jinsabu fiż-żona klimatika E, tnaqqas progressivament u konsiderevolment minħabba t-tlestija tal-proċess ta' ħolqien tan-netwerk tal-metan. Dan naqas min-numru oriġinali ta' 608 għal dak attwali ta' 260.

It-tnaqqis propost huwa aktar baxx mit-tnaqqis previst fid-Deċiżjoni preċedenti. It-tnaqqis tat-taxxa mogħti permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/695/UE stabbilixxa t-tnaqqis għal EUR 129,11 għal kull 1 000 litru fil-każ tal-gażojl (b'hekk ir-rata tat-taxxa applikabbli titniżżel għal EUR 274,10 għal kull 1 000 litru) u għal EUR 159,07 għal kull 1 000 kg ta' LPG (b'hekk ir-rata tat-taxxa applikabbli titniżżel għal EUR 30,87 għal kull 1 000 kg).

Ġie applikat tnaqqis ta' 5,07 % fuq il-vantaġġ mill-11 ta' Diċembru 2015 (f'konformità mal-Artikolu 2 tad-Digriet tal-President tal-Kunsill tal-Ministri – DPCM – tad-29 ta' Settembru 2015 b'applikazzjoni tal-Artikolu 1(242) tal-Liġi Nru 190 tat-23 ta' Diċembru 2014) u t-tnaqqis tat-taxxa attwalment jammonta għal EUR 122,56 għal kull 1 000 litru ta' gażojl użat bħala fjuwil tat-tisħin (b'hekk ir-rata tat-taxxa applikabbli titniżżel għal EUR 280,65 għal kull 1 000 litru) u għal EUR 151,01 għal kull 1 000 kilogramma ta' LPG użat bħala fjuwil tat-tisħin (b'hekk ir-rata tat-taxxa applikabbli titniżżel għal EUR 38,93 għal kull 1 000 kg).

Bl-awtorizzazzjoni mitluba, l-Italja qiegħda tfittex li tkompli żżomm dan it-tnaqqis tat-taxxa fiż-żoni ġeografiċi magħżula.

Għalhekk, bħala medja, it-tnaqqis tat-taxxa attwalment jammonta għal 9-10 % tal-prezz tal-gażojl użat bħala fjuwil tat-tisħin u għal madwar 6 % tal-prezz tal-LPG użat għall-istess skop. B'mod partikolari, bħalissa, fiż-żoni klimatiċi E u F it-tnaqqis tat-taxxa jammonta għal madwar 10 % tal-prezz tal-LPG u tal-gażojl użati bħala fjuwils tat-tisħin.

Ir-rati tat-taxxa applikabbli huma ogħla mil-livelli minimi tat-tassazzjoni stipulati bid-Direttiva.

Il-vantaġġ tat-taxxa ma jistax jiġi kkombinat ma' tnaqqis ieħor fid-dazju tas-sisa.

Skont l-awtoritajiet Taljani, id-differenzjazzjoni tat-taxxa hija bbażata fuq kriterji oġġettivi u hija maħsuba biex tiżgura kontinwità ġeografika mal-bqija tat-territorju Taljan, jiġifieri għandha l-għan li tqiegħed il-popolazzjoni taż-żoni eliġibbli fuq livell iktar komparabbli mal-bqija tal-popolazzjoni Taljana billi tnaqqas il-kostijiet tat-tisħin sproporzjonalment għoljin tagħhom. L-ammont tat-tnaqqis tat-taxxa huwa l-istess għall-utenti kollha; għandu biss l-għan li jtaffi parzjalment il-kostijiet addizzjonali tat-tisħin għall-popolazzjoni taż-żoni eliġibbli, li jirriżultaw minn klima kiesħa jew minn diffikultajiet fl-akkwist tal-fjuwil.

Skont l-awtoritajiet Taljani, il-kostijiet addizzjonali fir-reġjuni muntanjużi għat-trasport tal-gażojl u tal-LPG huma 140 % ogħla mill-bqija tal-pajjiż.

F'dak li jirrigwarda l-kostijiet tat-trasport tal-merkanzija bit-triq, it-tip ta' vettura tagħmel id-differenza. Fil-każ ta' żoni muntanjużi u l-gżejjer iż-żgħar (fejn ma jkunx hemm faċilitajiet ta' ħażna għall-prodotti taż-żejt), l-LPG u l-gażojl użati għal skopijiet ta' tisħin jiġu ttrasportati minn trakkijiet bi trejler li jinvolvu kost addizzjonali ta' 70-80 % meta mqabbla mal-kostijiet tat-trasport bi trattur tat-triq u semitrejler. Il-ħtieġa li jintużaw trakkijiet żgħar bħal dawn tirriżulta mill-karatteristiċi mhux faċli tat-toroq u mill-kwantitajiet imnaqqsa ta' provvisti tal-fjuwil.

Flimkien ma' dan, fil-każ tal-gżejjer, jenħtieġ li jiġi miżjud il-kost tal-vapur. Tali entrata tista' taffettwa l-kost tat-trasport b'mod drammatiku, sa erba' darbiet aktar.

L-ispeċifiċità tal-gżejjer tikkonsisti fil-fatt li minħabba l-partikolaritajiet ġeografiċi tagħhom, il-provvista tal-fjuwil hija limitata ferm u dan iwassal biex il-fjuwil ikun ogħla minn dak fl-Italja kontinentali minħabba kostijiet addizzjonali tat-trasport. It-tnaqqis tat-taxxa ma jirriżultax f'kumpens żejjed u ma jniżżilx il-prezzijiet tal-LPG u tal-gażojl iktar 'l isfel minn dawk fl-Italja kontinentali. Fir-rigward tal-applikazzjoni tas-sussidju fil-gżejjer iż-żgħar, fil-postijiet inkwistjoni l-katina tal-loġistika hija inevitabbilment aktar għolja minn dik fl-Italja kontinentali. Il-kostijiet ogħla jirriżultaw min-nuqqas ta' loġistika primarja, li twassal għal kostijiet ta' distribuzzjoni ogħla. Il-kostijiet ogħla huma wkoll dovuti għal aċċess bit-triq li jkun ta' spiss problematiku, għal kostijiet tal-fjuwil tal-vetturi bil-mutur ogħla minn dawk kontinentali, kif ukoll għal kostijiet tat-trasport għall-aċċess tal-gżejjer iż-żgħar u għall-kwantitajiet limitati ta' provvisti individwali. L-awtoritajiet Taljani stmaw li dawn il-kostijiet ogħla huma madwar 10-15 % ogħla mill-kostijiet korrispondenti fl-Italja kontinentali.

L-awtoritajiet Taljani spjegaw li matul dawn l-aħħar snin il-miżura naqqset il-prezz tal-akkwist aħħari tal-LPG u tal-gażojl użati għat-tisħin b'madwar 10 %.

Fir-rigward tal-progress tan-netwerk nazzjonali tad-distribuzzjoni tal-gass naturali, l-awtoritajiet Taljani nnutaw li b'mod ġenerali l-proċess għall-ħolqien ta' netwerk tad-distribuzzjoni tal-gass tal-metan fuq it-territorju Taljan jista' jitqies bħala konkluż. Madankollu, minħabba d-diversità tat-territorju Taljan, li huwa kkaratterizzat minn ġeografija fiżika partikolarment varjata, dan il-proċess għadu partikolarment problematiku, jew saħansitra f'xi każijiet mhux fattibbli f'xi partijiet mit-territorju, anke b'rabta mal-kostijiet marbuta miegħu. F'dan ir-rigward, ir-reġjun ta' Sardenja, il-gżejjer iż-żgħar u għadd ta' muniċipalitajiet li jinsabu f'żoni tipikament muntanjużi għad ma għandhomx aċċess għall-metan, u f'xi każijiet qatt mhu se jkollhom.

L-infiq baġitarju fis-sena tal-miżura huwa ta' madwar EUR 230 miljun.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/695/UE tad-29 ta' Settembru 2014 li tawtorizza lill-Italja sabiex tapplika, fiż-żoni ġeografiċi determinati, rati mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq il-gażojl u l-LPG użat għal skopijiet ta' tisħin f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE.

- **Konsistenza mal-politiki u l-objettivi l-oħra tal-Unjoni**

Kull talba għal deroga skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni tal-Enerġija trid tiġi eżaminata mill-Kummissjoni filwaqt li tqis il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-ħtieġa li tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta, u l-politiki tal-UE dwar is-saħħa, l-ambjent, l-enerġija u t-trasport.

Id-differenzjazzjoni tat-taxxa ttaffi parzjalment il-kostijiet addizzjonali għat-tisħin imġarrba miċ-ċittadini f'ċerti żoni ġeografiċi tal-Italja li huma partikolarment żvantaġġati meta mqabbla mal-bqija tat-territorju u li għalihom, għalhekk, ir-rata standard tat-taxxa applikabbli għal-LPG u l-gażojl użati għal skopijiet ta' tisħin twassal għal piż tat-taxxa eċċessiv. L-iżvantaġġ ġeografiku jwassal għal kostijiet addizzjonali tat-tisħin minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi severi jew l-insularità ta' dawn iż-żoni, flimkien man-nuqqas ta' disponibilità ta' riżorsi alternattivi għat-tisħin, b'mod partikolari nuqqas ta' disponibbiltà ta' aċċess għan-netwerk tal-gass naturali.

Ir-rata mnaqqsa ta' tassazzjoni kemm għall-gażojl kif ukoll għal-LPG tibqa' ogħla mil-livelli minimi ta' tassazzjoni tal-UE stabbiliti fid-Direttiva dwar it-Tassazzjoni tal-Enerġija u ttaffi l-kostijiet addizzjonali għat-tisħin fiż-żona ġeografika inkwistjoni b'mod parzjali biss.

B'hekk jista' jiġi kkunsidrat li t-tnaqqis huwa kompatibbli mal-mira li jingħata inċentiv tat-taxxa għall-fini tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija. Ma nstabx li l-miżura mhijiex kompatibbli mal-politiki rilevanti tal-UE dwar l-ambjent u l-enerġija.

Barra minn hekk, il-miżura hija aċċettabbli mill-aspett tal-funzjonament tajjeb tas-suq intern u l-ħtieġa li tkun żgurata kompetizzjoni ġusta. Il-miżura tipprova biss ittaffi parzjalment il-kostijiet addizzjonali tat-tisħin assoċjati mal-kundizzjonijiet oġġettivi taż-żoni kkonċernati. It-tnaqqis tat-taxxa ma huwa kumulattiv mal-ebda tip ieħor ta' tnaqqis tat-taxxa u ma japplikax għal użu ieħor tal-fjuwils tat-tisħin ħlief għat-tisħin tal-post.

Għal din il-miżura, l-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2003/96/KE jistabbilixxi perjodu massimu ta' sitt snin, bil-possibilità ta' tiġdid. Filwaqt li jitqies in-nuqqas ta' kwalunkwe impatt negattiv tal-arranġament attwali fuq il-kummerċ fl-UE u fuq il-livell ġenerali tat-tassazzjoni tal-fjuwils fl-Italja, sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza tad-dritt għar-reġjuni, f'dan l-istadju, il-Kummissjoni tissuġġerixxi li l-awtorizzazzjoni tingħata għal sitt snin, jiġifieri mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2024.

Madankollu, biex ma jiddgħajfux l-iżviluppi ġenerali futuri tal-qafas legali eżistenti, jixraq li jiġi stipulat li, jekk il-Kunsill li jkun qed jaġixxi abbażi tal-Artikolu 113 tat-Trattat, jintroduċi sistema ġenerali modifikata għat-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija li għalihom ma tkunx tista' tiġi adattata din l-awtorizzazzjoni, din id-Deċiżjoni għandha tiskadi dakinhar li jibdew japplikaw ir-regoli modifikati.

Jekk il-Kunsill jadotta din is-sistema ġdida u jekk il-Kummissjoni tqis li l-awtorizzazzjoni f'din il-proposta tkun għadha ġġustifikata, il-Kummissjoni teżamina, b'mod pożittiv u f'waqtu, kull talba mill-Italja li tikkonċerna xi awtorizzazzjoni simili li tkun adattata għal dik is-sistema l-ġdida, sabiex tiżgura l-kontinwità ta' din il-proposta.

- **Regoli dwar l-għajnuna mill-Istat**

Il-miżura tista' tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat f'konformità mal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Peress li r-rati mnaqqsa huma ogħla mil-livell minimu tal-UE, il-miżura tkun koperta mill-Artikolu 44 tar-Regolament 651/2014/UE (ir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) u għalhekk ikunu kkunsidrati kompatibbli mas-suq intern. Hekk kif jiskadi l-perjodu ta' validità tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa fil-31 ta' Diċembru 2020, l-għajnuna tibqa' eżentata matul perjodu ta' aġġustament ta' sitt xhur (ara l-Artikolu 58(4) tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa). Id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat matul il-perjodu kopert mid-deroga.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 19 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE.

- **Prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-qasam tat-tassazzjoni indiretta kopert mill-Artikolu 113 tat-TFUE fih innifsu ma jaqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-UE skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tat-Trattat.

Madankollu, f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE, il-Kunsill ingħata kompetenza esklużiva, bħala kwistjoni ta' liġi sekondarja, biex jawtorizza lil Stat Membru jintroduċi aktar eżenzjonijiet jew tnaqqis skont it-tifsira ta' dik id-dispożizzjoni. Għalhekk, l-Istati Membri ma jistgħux jieħdu post il-Kunsill. B'riżultat ta' dan, il-prinċipju tas-sussidjarjetà mhuwiex applikabbli għal din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni. Fi kwalunkwe każ, peress li dan l-att mhuwiex abbozz ta' att leġiżlattiv, jenħtieġ li ma jintbagħatx lill-Parlamenti nazzjonali skont il-Protokoll Nru 2 tat-Trattati għal rieżami tal-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità. It-tnaqqis tat-taxxa ma jaqbiżx dak li hu meħtieġ biex jinkisbu l-objettivi inkwistjoni. It-tnaqqis tat-taxxa huwa applikabbli f'żoni ġeografiċi determinati. Ir-rati tat-taxxa awtorizzati huma ogħla mil-livelli minimi tat-tassazzjoni stipulati bid-Direttiva.

- **Għażla tal-istrument**

Strument propost: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

L-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE jipprevedi din it-tip ta' miżura biss.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST,* TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Il-miżura ma teħtieġx l-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Il-proposta tikkonsisti minn tnaqqis tat-taxxa li jikkonċerna biss lill-Italja.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Ma ntuża l-ebda għarfien espert estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-miżura ma tħalli l-ebda impatt fuq id-drittijiet fundamentali.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżura ma timponi l-ebda piż finanzjarju u amministrattiv fuq l-Unjoni, għalhekk ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

## 5. ELEMENTI OĦRA

Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar.

Ma huwa meħtieġ l-ebda pjan ta' implimentazzjoni. Din il-proposta tikkonċerna awtorizzazzjoni għal tnaqqis tat-taxxa mogħtija lil Stat Membru individwali fuq talba tiegħu stess. Din tingħata għal perjodu limitat ta' sitt snin. Ir-rata tat-taxxa li tapplika tkun ogħla mil-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit bid-Direttiva dwar it-Tassazzjoni tal-Enerġija. Il-miżura tista' tiġi evalwata f'każ li jintalab tiġdid wara li l-perjodu ta' sitt snin ikun skada.

- **Sommarju tal-miżura proposta**

Il-Kummissjoni tipproponi li tawtorizza t-tnaqqis tat-taxxa li jammonta għal EUR 122,56 għal kull 1 000 litru fil-każ tal-gażojl u għal EUR 151,01 għal kull 1 000 kg fil-każ tal-LPG. Ir-rati tat-taxxa applikabbli huma ta' EUR 280,65 għal kull 1 000 litru ta' gażojl użat bħala fjuwil tat-tisħin u ta' EUR 38,93 għal kull 1 000 kg għal-LPG użat bħala fjuwil tat-tisħin. Ir-rati tat-taxxa applikabbli huma ogħla mil-livelli minimi tat-tassazzjoni stipulati bid-Direttiva 2003/96/KE.

2019/0079 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

## li tawtorizza lill-Italja tapplika, f'żoni ġeografiċi determinati, rati mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq il-gażojl u l-gass likwifikat miż-żejt użati għal skopijiet ta' tisħin f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku[3], u b'mod partikolari l-Artikolu 19(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2003/96/KE, l-Italja kienet awtorizzata tapplika f'ċerti żoni partikolarment żvantaġġati rati mnaqqsa tad-dazju tas-sisa fuq il-gażojl u l-gass likwifikat miż-żejt (LPG) użati għat-tisħin. L-awtorizzazzjoni l-aktar reċenti ngħatat sal-31 ta' Diċembru 2018 mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/695/UE[4].

(2) B'ittra ddatata l-31 ta' Ottubru 2018, l-awtoritajiet Taljani talbu awtorizzazzjoni biex japplikaw f'ċerti żoni partikolarment żvantaġġati ġeografikament, rati mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq il-gażojl u l-LPG użati għal skopijiet ta' tisħin permezz ta' estensjoni ta' prattika segwita skont id-Deċiżjoni 2014/695/UE f'xi nħawi, u dan qabel ma tiskadi. Iktar tagħrif u kjarifiki ġew ipprovduti mill-awtoritajiet Taljani fl-14 ta' Diċembru 2018. L-awtoritajiet Taljani talbu l-awtorizzazzjoni għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2024.

(3) L-Italja għandha territorju li jvarja ħafna b'kundizzjonijiet klimatiċi u ġeografiċi varjabbli. L-Italja qieset il-partikolaritajiet tat-territorju tagħha u introduċiet rati mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq il-gażojl u l-LPG bil-ħsieb li tpaċi parzjalment il-kostijiet sproporzjonalment għoljin tat-tisħin għar-residenti f'ċerti żoni ġeografiċi.

(4) Id-differenzjazzjoni fit-taxxa hija bbażata fuq kriterji oġġettivi u għandha l-għan li tqiegħed il-popolazzjoni taż-żoni eliġibbli fuq bażi aktar komparabbli mal-bqija tal-popolazzjoni Taljana permezz ta' tnaqqis tal-kostijiet sproporzjonalment għoljin tat-tisħin tagħhom minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi severi jew id-diffikultajiet fl-akkwist tal-fjuwil meta mqabbel mal-bqija tat-territorju Taljan.

(3) ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51.

(4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/695/UE tad-29 ta' Settembru 2014 li tawtorizza lill-Italja sabiex tapplika, fiż-żoni ġeografiċi determinati, rati mnaqqsa ta' taxxa fuq il-gażojl u l-LPG użati għal skopijiet ta' tisħin f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE (ĠU L 291, 7.10.2014, p. 16).

(5) Ir-rati mnaqqsa ta' tassazzjoni huma applikabbli f'żoni ġeografiċi li jissodisfaw wieħed mill-kriterji li ġejjin: (a) l-aktar kundizzjonijiet klimatiċi severi fit-territorju Taljan (muniċipalitajiet li jaqgħu fiż-żona F kif definit fid-digriet Presidenzjali Nru 412 tas-26 ta' Awwissu 1993 [5]), (b) kundizzjonijiet klimatiċi severi flimkien ma' diffikultajiet fl-akkwist tal-fjuwil (muniċipalitajiet li jaqgħu fiż-żona E kif definit fid-digriet Presidenzjali Nru 412 tas-26 ta' Awwissu 1993 sakemm in-netwerk tal-gass naturali ma jkunx sar disponibbli fil-muniċipalitajiet ikkonċernati); u (c) iżolament ġeografiku flimkien ma' akkwist tal-fjuwil għoli u diffiċli: il-gżira ta' Sardenja u l-gżejjer iż-żgħar, sakemm ma jkunx sar disponibbli netwerk tal-gass naturali fil-muniċipalitajiet ikkonċernati. L-applikazzjoni tar-rati mnaqqsa ta' tassazzjoni jenħtieġ li tapplika biss sakemm jitlesta n-netwerk tal-gass naturali fil-muniċipalitajiet ikkonċernati.

(6) Il-miżura mitluba ġiet rieżaminata mill-Kummissjoni u nstab li ma tikkawżax distorsjoni tal-kompetizzjoni u lanqas ittellef l-operat tas-suq intern, u ma titqiesx inkompatibbli mal-politika tal-UE dwar l-ambjent, l-enerġija u t-trasport. Ir-rata mnaqqsa ta' tassazzjoni kemm għall-gażojl kif ukoll għal-LPG tibqa' ogħla mil-livelli minimi ta' tassazzjoni tal-UE stabbiliti fid-Direttiva 2003/96/KE u tkun ittaffi b'mod parzjali biss il-kostijiet addizzjonali għat-tisħin fiż-żona ġeografika inkwistjoni.

(7) Għalhekk jenħtieġ li l-Italja tkun awtorizzata, skont l-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2003/96/KE, tapplika f'żoni ġeografiċi determinati rati mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq il-gażojl u l-LPG użati għal skopijiet ta' tisħin sal-31 ta' Diċembru 2024.

(8) Mill-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2003/96/KE, jirriżulta li kull awtorizzazzjoni mogħtija skont dak l-Artikolu trid tkun limitata strettament biż-żmien.

(9) Sabiex tipprovdi lir-reġjuni kkonċernati b'livell suffiċjenti ta' ċertezza, jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni tingħata għal perjodu ta' sitt snin. Madankollu, biex ma jiddgħajfux l-iżviluppi ġenerali futuri tal-qafas legali eżistenti, jixraq li jiġi stipulat li, jekk il-Kunsill li jkun qed jaġixxi abbażi tal-Artikolu 113 tat-Trattat, jintroduċi sistema ġenerali modifikata għat-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija li għalihom ma tkunx tista' tiġi adattata din l-awtorizzazzjoni, din id-Deċiżjoni tiskadi dakinhar li jibdew japplikaw ir-regoli dwar dik is-sistema modifikata.

(10) Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tapplika mingħajr interruzzjoni fir-rigward tal-awtorizzazzjoni għall-applikazzjoni ta' rati mnaqqsa tad-dazju tas-sisa mogħtija bid-Deċiżjoni 2014/695/UE, li skadiet fil-31 ta' Diċembru 2018, ikun xieraq li din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Jannar 2019.

(11) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. L-Italja hija b'dan awtorizzata tapplika rati mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq il-gażojl u l-LPG użati għal skopijiet ta' tisħin fiż-żoni ġeografikament żvantaġġati li ġejjin:

---

(5) Id-Digriet Presidenzjali Nru 412 tas-26 ta' Awwissu 1993 jaqsam it-territorju Taljan f'sitt żoni klimatiċi (A sa F). Il-klassifikazzjoni hija bbażata fuq l-unità "gradi kull jum" li tirrappreżenta l-ammont ta' jiem kull sena meta t-temperatura ta' barra ma tkunx it-temperatura ottimali ta' 20 °C u b'hekk ikun meħtieġ it-tisħin.

(a) il-muniċipalitajiet li jaqgħu fiż-żona klimatika F kif stabbilit bid-Digriet Presidenzjali tas-26 ta’ Awwissu 1993 Nru 412;

(b) il-muniċipalitajiet li jaqgħu fiż-żona klimatika E kif stabbilit bid-Digriet Presidenzjali tas-26 ta’ Awwissu 1993 Nru 412;

(c) il-muniċipalitajiet ta’ Sardenja u l-gżejjer żgħar, jiġifieri l-gżejjer Taljani kollha ħlief Sqallija.

2. Sabiex jiġi evitat kwalunkwe kumpens żejjed, it-tnaqqis ma għandux jeċċedi l-kostijiet addizzjonali tat-tisħin taż-żoni kkonċernati. Fil-każ partikolari ta’ Sardenja u l-gżejjer żgħar, bħala konsegwenza, it-tnaqqis tat-taxxa ma jridx irendi l-prezz orħos mill-prezz tal-istess fjuwil fl-Italja kontinentali.

3. Ir-rata mnaqqsa għandha tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2003/96/KE, u b’mod partikolari mal-livelli minimi ta’ tassazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 9 ta’ dik id-Direttiva.

*Artikolu 2*

L-eliġibbiltà taż-żoni ġeografiċi msemmija fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 1(1) għandha tkun kondizzjonata min-nuqqas ta’ disponibbiltà tan-netwerk tal-gass naturali fil-muniċipalità kkonċernata.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta’ Jannar 2019 sal-31 ta’ Diċembru 2024.

Madankollu, jekk il-Kunsill li jkun qed jaġixxi abbażi tal-Artikolu 113 tat-Trattat, jintroduċi sistema ġenerali modifikata għat-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija li għalihom l-awtorizzazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 1 ta’ din id-Deċiżjoni ma tkunx ġiet adattata, din id-Deċiżjoni għandha tiskadi dakinhar li jibdew japplikaw ir-regoli dwar dik is-sistema modifikata.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*